MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2013

Avviz Numru. 303/2007

**Swatar M&B Limited**

**Vs**

**Ivan Debono**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ipprezentat mis-socjetà Swatar M&B Limited fit-28 ta' Settembru 2007 permezz ta' liema titlob li Ivan Debono jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' tlett elef mitejn erbgha u dsighin Lira Maltija (Lm3,294), ekwivalenti ghal €7,672.96, rapprezentanti l-mizati ta' l-Iskola St. Martin's College, proprjetà taghha, ghal servizzi edukattivi debitament ipprovduti lil ibnu Jamie Debono, bl-imghax legali u l-ispejjez giudizzjarji kontra Ivan Debono;

Rat ir-Risposta ta' Ivan Debono ipprezentata fil-5 ta' Novembru 2007 permezz ta' liema jopponi ghat-talba tas-socjetà attrci u jitlob li l-istess tigi michuda, bl-ispejjez kontra taghha, stante li: (i) ir-rikors promotur huwa irritu u

null peress li ma fihx id-dettalji kollha rikjesti mill-Ligi; (ii) li minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, huwa ma ghandu jhallas l-ebda ammont lis-socjetà attrici peress illi kwalunkwe ammont li kien dovut huwa kollu mhallas u saldat; u (iii) li fi kwalunkwe kaz it-talba attrici hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt;

Rat li l-konvenut jopponi wkoll ghat-talba tas-socjetà attrici billi jeccepixxi li l-istess talba attrici hija preskritta bid-dekors ta' tmintax-il xahar ai termini ta' l-Artikolu 2148(c) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mis-socjetà attrici permezz ta' Nota pprezentata fis-27 ta' Frar 2008 markati Dok. "CZM1" sa' Dok. "CZM3" a fol. 12 sa' 40 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Maria Felice moghtija waqt is-seduta tal-15 ta' April 2008[1] u rat id-dokument minnha esebit waqt l-imsemmija seduta markat Dok. "MF" a fol. 44 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Claire Camilleri moghtija waqt is-seduti tat-13 ta' Mejju 2008[2] u tat-13 ta' Jannar 2011[3] u rat id-dokument minnha esebit waqt is-seduta tat-13 ta' Mejju 2008 a fol. 49 tal-process, rat id-dokumenti esebiti mis-socjetà attrici permezz ta' Nota ipprezentata fl-10 ta' Gunju 2008 markati Dok. "CZM1" u Dok. "CZM2" a fol. 51 sa' 56 tal-process u rat id-dokument esebit mis-socjetà attrici permezz ta' Nota ipprezentata fit-22 ta' Jannar 2009 markat Dok. "CZM1" a fol. 58 sa' 60 tal-process, semghet ix-xhieda tal-konvenut moghtija waqt is-seduta tad-29 ta' Marzu 2011[4] u rat id-dokument minnu esebit waqt l-imsemmija seduta markat Dok. "TB1" a fol. 72 tal-process;

Semghet it-trattazzjoni orali tal-kawza;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

---

[1] Fol. 42 tal-process.
[2] Fol. 46 sa' 48 tal-process.
[3] Fol. 68 sa' 70 tal-process.
[4] Fol. 73 u 74 tal-process.

Bil-proceduri odjerni s-socjetà attrici titlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha is-somma ta' Lm3,294, illum ekwivalenti ghal €7,672.96, rapprezentanti l-mizati ta' l-Iskola St. Martin's College ghal servizzi edukattivi pprovduti lil iben il-konvenut Jamie Debono. Il-konvenut jilqa' ghat-talba attrici b'zewg eccezzjonijiet preliminari ossia, bl-eccezzjoni li r-Rikors promotur huwa irritu u null in kwantu ma fihx id-dettalji kollha rikjesti mill-Ligi u bl-eccezzjoni li t-talba attrici hija preskritta bid-dekors ta' tmintax-il xahar ai termini ta' l-Artikolu 2148(c) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-eccezzjoni fil-meritu li fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju huwa ma ghandu jhallas ebda ammont lis-socjetà attrici peress illi kwalunkwe ammont li kien dovut huwa kollu mhallas u saldat. Ma hemmx dubju li l-ewwel zewg eccezzjonijiet li ghandhom jigu trattati huma l-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-konvenut u cioè n-nullità tar-Rikors promotur u l-preskrizzjoni tat-talba attrici.

Fir-Risposta tieghu l-konvenut jikkontendi li r-Rikors promotur huwa rritu u null ghaliex ma fihx id-dettalji kollha rikjesti mill-Ligi. Ghalkemm issolleva din l-eccezzjoni l-konvenut naqas milli jittratta l-istess, permezz ta' provi u/jew sottomissjonijiet appoziti, tul is-smigh tal-proceduri, izda ciò nonostante l-Qorti hi tal-fehma li din l-eccezzjoni ghandha tigi Minnha trattata u deciza qabel ma jigu trattati l-kwistjonijiet l-ohra sollevati f'dan il-kaz.

L-Artikolu 171(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza taghha inferjuri, jitmexxa bil-mod ta' rikors li jkun skont l-ghamla preskritta u jsir fl-ghamla ta' avviz semplici iffirmat mir-Registratur, li jkun fih l-isem u l-kunjom ta' l-attur u tal-konvenut, it-talba ta' l-attur, u l-jum u l-hin meta l-konvenut ghandu jidher, minbarra partikolaritajiet ohra li jistghu minn zmien ghal zmien jigu preskritti*. L-Artikolu 174 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li: *(1) kull skrittura ghandu jkun fiha – (a) l-isem tal-qorti u tas-sezzjoni taghha li fiha tigi pprezentata l-iskrittura, u, fil-kaz tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), l-indikazzjoni tal-kompetenza tal-qorti; (b) l-isem u l-kunjom tal-parti li tidher u tal-parti li kontra taghha*

*l-iskrittura ssir, u, meta hu l-kaz, l-isem li fih jidhru l-partijiet: Izda f'kull kaz imsemmi fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 181 ikunu bizzejjed li tissemma' l-kariga tal-parti li tipprezenta jew li kontra taghha tigi pprezentata l-iskrittura, skont il-kaz; (c) l-isem ta' l-iskrittura; u (d) jekk l-iskrittura tkun tirreferixxi ghal kawza ga mressqa f'wahda mill-qrati superjuri, in-numru tar-rikors guramentat li ghalihom tkun tirriferixxi. (2) Kull skrittura jew att iehor li ghandom jigu notifikati ghandu jkollhom maghhom: (a) in-numru tal-karta ta' l-identità, jekk ikun il-kaz, jekk il-persuna qed taghmel it-talba fil-kapacità taghha; (b) in-numru ta' registrazzjoni jekk il-persuna li qed taghmel it-talba hija socjetà jew kumpannija registrata skont l-Att dwar il-Kumpanniji; (c) indikazzjoni xierqa u shiha tal-post ta' residenza jew tan-negozju tal-parti li qed taghmel it-talba u l-indirizz professjonali ta' l-avukat u, jew tal-prokuratur legali taghha; (d) indikazzjoni xierqa u shiha tal-post ta' residenza jew negozju tal-parti li kontriha qed issir it-talba jew l-att; (e) xi partikolari ohrajn li jistghu jghinu ghall-identifikazzjoni tal-partjiet isemmija kif jista' jkun stabbilit bil-ligi jew b'regolament.* L-Artikolu 178 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *l-iskritturi u rikorsi guramentati jew le ghandhom ikunu ffirmati mill-avukat, u meta jkun hemm, minn prokuratur legali*.

Meta r-Rikors promotur jigi kkunsidrat fid-dawl ta' dawn il-provvedimenti tal-Ligi jirrizulta immedjatament evidenti li l-uniku dettal li hemm nieqes fih huwa n-numru tar-registrazzjoni tas-socjetà attrici mehtieg ai termini ta' l-Artikolu 174(2)(b) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta. B'daqshekk però ma jfissirx li minhabba tali nuqqas ir-Rikors promotur ghandu jitqies irritu u null kif pretiz mill-konvenut. L-Artikolu 789 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, li jittratta appuntu dwar l-eccezzjoni tan-nullità ta' atti giudizzjarji jipprovdi li: *(1) L-eccezzjoni ta' nullità tal-atti gudizzjarji tista' tinghata – (a) jekk in-nullità hija ddikjarata mill-ligi espressament; (b) jekk l-att jinhareg minn qorti mhux kompetenti; (c) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi, ukoll jekk mhux taht piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet, lill-parti li titlob in-nullità, pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort' ohra hlief billi l-att jigi annullat; (d) jekk l-att ikun nieqes*

*minn xi partikolarità essenzjali espressament mehtiega mil-ligi: Izda dik l-eccezzjoni ta' nullità kif mahsuba fil-paragrafi (a), (c) u (d) ma tkunx tista' tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull disposizzjoni ohra tal-ligi*.

Ir-rekwizit ta' l-indikazzjoni tan-numru ta' registrazzjoni ta' socjetà li tkun qed tippromuovi proceduri giudizzjarji kontra parti/partijiet ohra ma huwiex mehtieg taht piena ta' nullità u fil-kaz in ezami ma tressqet ebda prova li a causa ta' dan in-nuqqas il-konvenut sofra xi pregudizzju li ma jistax jissewwa hlief b'li r-Rikors promotur jigi dikjarat irritu u null. Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti tqis li l-eccezzjoni ta' l-irritwalità u nullità tar-Rikors promotur hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt u bhala tali ghandha tigi michuda.

Sorvolata din il-kwistjoni jehtieg issa tigi trattata t-tieni eccezzjoni ta' natura preliminari sollevata mill-konvenut u cioé l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2148(c) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta. L-imsemmi artikolu tal-Ligi jipprovdi li *l-azzjonijiet ta' dawk li ghandhom djar ta' edukazzjoni jew ta' taghlim, ta' liema xorta jkunu, ghall-hlas tad-dritt taghhom* huma preskritti bid-dekors ta' tmintax-il xahar. Fil-kaz in ezami s-socjetà attrici *qua* proprjetarja ta' l-Iskola St. Martin's College, qed titlob hlas minghand il-konvenut tal-mizati ghal servizzi edukattivi provduti lil ibnu Jamie Debono u ghalhekk it-terminu ta' preskrizzjoni applikabbli huwa appuntu dak ta' tmintax-il xahar stipulat fil-precitat Artikolu 2148(c) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Mill-atti processwali u senjatament mix-xhieda ta' Claire Camilleri moghtija waqt is-seduti tat-13 ta' Mejju 2008[5] u tat-13 ta' Jannar 2011[6], jirrizulta li s-somma ta' Lm3,294, ekwivalenti ghal €7,672.96, tirrapprezenta l-mizati dovuti ghal servizzi edukattivi provduti lil iben il-konvenut matul Form III – 2001/2002, matul Form IV – 2002/2003 u matul Form V – 2003/2004. Rinfaccjata bl-eccezzjoni tal-preskrizzjoni s-socjetà attrici jehtigilha tipprova li t-terminu

[5] Fol. 46 sa' 48 tal-process.
[6] Fol. 68 sa' 70 tal-process.

ta’ tminitax-il xahar ai termini ta’ l-Artikolu 2148(c) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta gie interott jew addirittura rinunzjat da parte tal-konvenut. Fil-fehma tal-Qorti però tali prova ma saritx u ma jirrizultax li t-terminu ta’ tmintax-il xahar dekoribbli miz-zmien meta l-mizati mitluba saru dovuti gie b’xi mod interott jew rinunzjat.

Jigi osservat li ghalkemm fil-meritu l-konvenut jeccepixxi l-pagament b’daqshekk huwa ma gabx fix-xejn l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghaliex dawn iz-zewg eccezzjonijiet ma humiex inkompatibbli ghal xulxin. L-effett li l-eccezzjoni tal-pagament jista’ jkollha fuq id-difiza tal-konvenut bazata fuq il-preskrizzjoni hu li b’dak il-pagament il-konvenut seta’ interrompa jew irrinunzja ghall-preskrizzjoni li tkun già ddekorriet. Dan il-principju jirrizulta f’diversi sentenzi pronuncjati mill-Qrati nostrali bhal ad ezempju fis-sentenza fl-ismijiet **Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited v. Dismar Company Limited, Citaz. Nru. 99/01** deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta’ Ottubru 2004, fejn inghad illi *huwa mghallem li l-exceptio soluti u l-eccezzjoni li l-kawza tressqet wara zmienha (jigifieri preskritta) ma jitfux lil xulxin bhala eccezzjonijiet inkompatibbli. Madanakollu, l-eccezzjoni tal-hlas tista’ sservi biex twaqqa’ dik tal-preskrizzjoni. Dan isehh billi l-hlas, jekk ippruvat, huwa wahda mir-ragunijiet mahsuba mil-ligi biex tikser iz-zmien tal-preskrizzjoni* u fis-sentenza fl-ismijiet **Mario Lapira v. C&A Company Limited, Appell Civili Nru. 1507/00** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fit-2 ta’ Gunju 2003 fejn inghad illi *l-ligi taghna b’disposizzjoni espressa tiddisponi bhala regola generali illi l-preskrizzjoni ta’ azzjoni tibda tghaddi mill-gurnata li fiha l-azzjoni tista’ tigi ezercitata (Art. 2137 tal-Kodici Civili). L-osservazzjoni ta’ din ir-regola hija wahda bazika, tant li jinsab insenjat illi l-impossibilità li wiehed jagixxi trid tkun impossibilità indipendenti mill-volontà tieghu, dovuta ghal kawza estranea, li huwa ma setax jirrimuovi (Vol XLIX pI p500). Naturalment jezistu sitwazzjonijiet fejn il-preskrizzjoni eccepita tista’ titqies rinunzjata jekk per ezempju, id-debitur b’att tieghu spontaneju ta’ assunzjoni ta’ certu sistema ta’ difiza jpoggi ruhu fi stat ta’ fatt li jirrendi inkompatibbli l-posizzjoni guridika tieghu mal-presunzjoni konsistenti l-fondament tal-preskrizzjoni. Tali*

*hu l-kaz fejn id-debitur oltre l-preskrizzjoni jeccepixxi wkoll il-kompensazzoni … L-eccezzjoni tal-pagament, moghtija ukoll f'dan il-kaz, mhiex wahda minn dawn ta' inkompatibilità … Min-naha l-ohra jinsab ukoll ritenut illi l-pagament akkont tad-debitu jikkostitwixxi rikonjizzjoni tad-dejn … u allura att minnu nnifsu interuttiv, osija "l'abdicazione di un diritto".*

Il-pagament li l-partijiet kontendenti konsistentement ghamlu referenza ghalih tul is-smigh tal-proceduri huwa dak ta' Lm3,000 effettwat mill-konvenut fil-**25 ta' Frar 2002**. Indipendentement mill-veduti tal-partijiet dwar l-allokazzjoni ta' dan il-hlas - u cioè jekk hux versu l-mizati ta' Zak u Oliver Debono biss kif pretiz mis-socjetà attrici jew inkella versu l-mizati formanti l-meritu ta' proceduri istitwiti mis-socjetà attrici kontra l-konvenut quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar ghall-mizati dak iz-zmien dovuti ghat-tlett itfal tieghu Zak, Oliver u Jamie Debono[7] - dana l-pagament ma jeffettwax il-perijodu ta' preskrizzjoni relattiv ghat-talba tas-socjetà attrici ghall-mizati meritu ta' dawn il-proceduri.

Jibda biex jinghad li dak il-hlas sar fi zmien qabel ma l-mizati relattivi ghal Jamie Debono ghal Form IV u Form V saru dovuti u ghalhekk zgur ma jistax jitqies bhala xi forma ta' rinunzja da parte tal-konvenut ghall-perijodu applikabbli ghal dawk il-mizati partikolari u dana billi ai termini ta' l-Artikolu 2108(1) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta *ma tistax issir minn qabel rinunzja bil-quddiem ghall-preskrizzjoni*[8]*, lanqas ma jista' jigi miftiehem ghall-preskrizzjoni zmien itwal minn dak li hemm fil-ligi*. Ghalkemm fiz-zmien meta sar dak il-hlas parti mill-mizati dovuti ghal Form III kienu saru dovuti – ghad illi mid-dokument Dok. "MF"[9] esebit minn Maria Felice, impjegata fl-*accounts department* tas-socjetà attrici, waqt is-seduta tal-15 ta' April 2008[10], jirrizulta li l-fattura ghall-mizati relattivi ghal Form III iggib id-data tat-2 ta' Settembru 2002

---

[7] M&B Limited v. Ivan Debono, Talba Nru. 308/02, Is-socjetà M&B Limited v. Ivan Debono, Talba Nru. 309/02 u M&B Limited v. Ivan Debono, Talba Nru. 310/02.
[8] Sottolinear tal-Qorti.
[9] Fol. 44 tal-process.
[10] Fol. 42 u 43 tal-process.

– it-terminu ta’ preskrizzjoni relattiv xorta wahda baqa’ mhux effettwat ghaliex minn dakinhar tal-hlas it-terminu ta’ tmintax-il xahar rega’ beda jiddekorri mill-gdid[11] u kien lahaq iddekorra – kif kien lahaq iddekorra wkoll fil-kaz tal-mizati ghal Form IV u Form V – kemm fiz-zmien meta giet epprezentata l-ittra ufficjali ai termini ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta fl-24 ta’ Marzu 2006[12] kif ukoll fiz-zmien meta gew istitwiti dawn il-proceduri fit-28 ta’ Settembru 2007.

Mill-imsemmi dokument Dok. “MF” [13]esebit minn Maria Felice, impjegata fl-*accounts department* tas-socjetà attrici, waqt is-seduta tal-15 ta’ April 2008[14], jirrizulta li l-fatturi ghall-hlas tal-mizati meritu ta’ dawn il-proceduri – ossia l-mizati ghal servizzi edukattivi provduti lil Jamie Debono – inhargu fit-2 ta’ Settembru 2002 ghas-somma ta’ Lm1,398, fid-9 ta’ Settembru 2002 ghas-somma ta’ Lm366, fis-6 ta’ Dicembru 2002 ghas-somma ta’ Lm366, fl-10 ta’ Marzu 2003 ghas-somma ta’ Lm366 u fil-5 ta’ Settembru 2003 ghas-somma ta’ Lm1,110. Ai termini ta’ l-Artikolu 2137 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta *l-preskrizzjoni ta’ azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista’ tigi ezercitata; minghajr ma jittiehed qies ta’ l-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna lil lilha din l-azzjoni tmiss*. Ghalhekk dan ifisser li fil-kaz in ezami t-terminu ta' preskrizzjoni beda jiddekorri mid-data ta' kull waha mill-fatturi imsemmija. B'hekk it-terminu ta’ preskrizzjoni ta’ tmintax-il xahar stipulat fl-Artikolu 2148(c) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta iddekorra f’**Marzu 2004** in kwantu rigwarda l-fatturi datati 2 ta’ Settembru 2002 u 9 ta’ Settembru 2002, f’**Gunju 2004** in kwantu rigwarda l-fattura datata 6 ta’ Dicembru 2002, f’**Settembru 2004** in kwantu rigwarda l-fattura datata 10 ta’ Marzu 2003 u f’**Marzu 2005** in kwantu rigwarda l-fattura datata 5 ta’ Settembru 2003. L-ittra ufficjali ai termini ta’ l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta[15] giet ipprezentata fl-**24 ta’ Marzu 2006** u notifikata lill-konvenut fid-**29 ta’ Marzu 2006**, jigifieri ferm wara li ddekorra t-terminu ta’

---

[11] Artikolu 2136 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta.
[12] Dok. “CZM1” a fol. 13 u 14 tal-process.
[13] Fol. 44 tal-process.
[14] Fol. 42 u 43 tal-process.
[15] Dok. “CZM1” a fol. 13 u 14 tal-process.

tmintax-il xahar entro liema s-socjetà attrici setghet tipprocedi fil-konfront tal-konvenut ghall-mizati minnha pretizi b'dawn il-proceduri.

Claire Camilleri, Financial Controller mas-socjetà attrici, tikkontendi li fl-*ahhar kawza li kellna fit-2006 il-konvenut kien ukoll iddikjara li kien lest illi jhallas il-mizati li huma pendenti, però imbaghad rajna li kien ghad fadal ammont konsiderevoli kellna nistitwixxu din il-kawza*[16] u li *qabel ma ftahna dawn il-proceduri fil-konfront tal-konvenut konna kemm-il darba kellimnieh u baghtnielu kemm-il darba komunikazzjonijiet, u anki kien jigi l-iskola jkellimna*[17]. Huwa evidenti li Claire Camilleri tallega li bl-agir tieghu l-konvenut gie li rrinunzja ghal kwalunkwe terminu ta' preskrizzjoni li kien seta' lahaq iddekorra u ghalaq favur tieghu. Din l-allegazzjoni però ma gietx debitament issosstanzja mis-socjetà attrici bi provi sodisfacenti.

*L-ahhar kawza li kellna fit-2006* li ghaliha taghmel referenza Claire Camilleri fix-xhieda taghha huma l-proceduri ghar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Nru. 515/06 fl-ismijiet "M&B Limited v. Ivan Debono" istitwiti mill-konvenut quddiem din il-Qorti diversament presjeduta [Rikors Nru. 111/06 – Fol. 19 sa' 22 tal-process]. B'referenza ghal tali proceduri s-socjetà attrici esebit fost affarijiet ohra t-traskrizzjoni tax-xhieda li kien ta l-konvenut – Rikorrent f'dawk il-proceduri – waqt is-seduta tad-19 ta' April 2006[18] u d-Digriet datat 10 ta' Mejju 2006 li bih giet milqugha t-talba tal-konvenut ghar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru imsemmi, izda minnhom ma jirrizultax li l-konvenut irrikonoxxa li kien debitur tas-socjetà attrici ghall-mizati meritu tal-proceduri odjerni w accetta li jhallas l-istess. F'dawk il-proceduri il-konvenut invece sostna li kwalunkwe debitu li seta' kellu versu s-socjetà attrici sa' Frar 2002 gie saldat bil-pagament ta' Lm3,000 effettwat fil-25 ta' Frar 2002 u ma ghamel ebda referenza jew accenn ghal kwalunkwe hlas li seta' sar dovut wara tali data. Ghalkemm in kontro-ezami fil-proceduri ghar-revoka

---

16 Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-13 ta' Mejju 2008, fol. 46 sa' 48 tal-process.
17 Xhieda moghtija waqt is-seduta tat-13 ta' Jannar 2011, fol. 68 sa' 70 tal-process.
18 Fol. 55 u 56 tal-process.

tal-Mandat ta’ Sekwestru l-konvenut iddikjara li wara l-hlas ta’ Lm3,000 seta’ ghamel pagament ulterjuri, f’dawn il-proceduri ma tressqet ebda prova da parte tas-socjetà attrici dwar dan il-hlas u dwar iz-zmien meta seta’ gie effettwat u ghalhekk il-Qorti ma tistax tikkonkludi li b’dan il-pagament kien hemm rinunzja ghall-preskrizzjoni da parte tal-konvenut.

Claire Camilleri tikkontendi wkoll li *qabel ma ftahna dawn il-proceduri fil-konfront tal-konvenut konna kemm-il darba kellimnieh u baghtnielu kemm-il darba komunikazzjonijiet, u anki kien jigi l-iskola jkellimna*, izda ma tghidx x’intqal mill-konvenut b’risposta ghall-komunikazzjonijiet tas-socjetà attrici jew waqt il-laqghat li qed tghid li nzammu mieghu, u s-socjetà attrici ma ressqet ebda prova ulterjuri f’dan ir-rigward. B’hekk fl-atti processwali u fil-provi mressqa quddiem din il-Qorti ma hemm xejn li juri b’mod car u konkret illi l-konvenut seta’ b’xi mod irrinunzja ghall-preskrizzjoni li kienet lahqet iddekorriet favur tieghu.

Huwa principju assodat in materia ta’ preskrizzjoni li r-rinunzja ghall-preskrizzjoni trid tirrizulta minn provi cari w univoci. Kif inghad f’diversi sentenzi pronuncjati mill-Qrati nostrali, fosthom is-sentenza fl-ismijiet **Perit Joseph Barabara et v. Segretarju tal-War Damage Commission, Citaz. Nru. 1196/1980**, deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta’ Ottubru 2003, fejn fost affarijiet ohra giet citata s-sentenza fl-ismijiet “Is-Socjetajiet Kummercjali Dominic Department Stores Ltd. v. Is-socjetajiet Kummercjali Malta Dairy Products Ltd” deciza mill-Qorti ta’ l-Appell, *biex l-attijiet tad-debitur jjigu interpretati bhala rikonoxximent, jehtieg li jkunu univoci. Il-Baudry Lacantinere jikkontempla diversi kazijiet fejn tidhol il-kwistjoni tar-rikonoxximent, u jghid illi: “Dei semplici colloqui tra creditori e debitori non potrebbero evidentement implicare il riconoscimento del debito”. … Ir-rikonoxximent, da parti tad-debitur, li jinterrompi l-preskrizzjoni jrid jirrizulta minn provi cari u univoci u li manifestament ikunu ‘inkompatibbli mal-volontà tal-preskriventi li jikkontesta l-ezistenza u l-ezercizju tad-dritt”. … Illi r-rinunzja lecita ghad-dekorriment tal-perijodu preskrittiv estintiv ta’ l-azzjoni trid tirrizulta “da un fatto che*

*suppone l'abbandono del diritto acquistato … Comunque sia, non potrebbe esservi dubbio sul pensiero della Corte … La volontà espressa … il fatto deve essere di tale natura, che non lasci nessun dubbio sulla intenzione di abbandonare il diritto acquisito colla prescrizione". Fi kliem iehor ir-rinunzja ghall-preskrizzjoni trid tkun rizultat ta' attijiet jew fatti li ma jistghux jfissru jew jittiehdu b'haga ohra hlief bhala rinunzja jew ammissjoni. … F'kaz ta' dubju l-apprezzament ghandu jwassal ghall-konvinciment kontra r-rinunzja u mhux favur.*

Ghaldaqstant peress illi fil-kaz in ezami jirrizulta li t-talba attrici ghall-hlas tas-somma ta' Lm3,294 giet dedotta fil-konfront tal-konvenut zmien wara li ddekorra t-terminu ta' preskrizzjoni applikabbli, ossia t-terminu ta' tmintax-il xahar stipulat fl-Artikolu 2148(c) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, u ma kien hemm ebda interruzzjoni tat-terminu imsemmi jew rinunzja ghall-preskrizzjoni da parte tal-konvenut, kif korrettament eccepit mill-istess konvenut it-talba attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2148(c) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant ghandha tigi michuda.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut illi t-talba attrici hija preskritta bid-dekors ta' tmintax-il xahar ai termini ta' l-Artikolu 2148(c) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement tichad l-istess talba attrici.

Peress illi l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut, ossia l-eccezzjoni dwar l-irritwalità u n-nullità tar-Rikors promotur giet michuda, l-ispejjez tal-proceduri jigu sopportati in kwantu ghal ¾ mis-socjetà attrici u ¼ mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------